**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**ONOR. IMĦALLEF NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D**

**Appell Numru: 417/2022**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Mercieca,**
**Spettur Andy Rotin)**

**vs**

**Neil ZAMMIT**
***Omissis* 1**
***Omissis* 2**
***Omissis* 3**
***Omissis* 4**

**Illum, 29 ta' Mejju 2024**

Il-Qorti,

Rat is-segwenti:

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell ta' **Neil ZAMMIT** ta' 25 sena, iben missier mhux magħruf u Ruth Zammit, imwieled il-Pieta` nhar id-9 ta' Awwissu 1997 u joqgħod numru 2, Seascape, Triq l-Għannejja, Birżebbugia, detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 347297(M), minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar id-29 ta' Settembru 2022 fil-konfront tal-istess Neil ZAMMIT u fil-konfront

ta’ *Omissis* 1, *Omissis* 2, *Omissis* 3 u *Omissis* 4, li ġew mixlija talli:

Nhar it-3 ta’ Settembru, 2022, għall-ħabta tas-1.00a.m., u/jew fil-jiem u/jew fil-ġimgħat ta’ qabel, f’Malta, b’diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jew fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda:

1. Mill-*Newport Bonded Stores*, il-Moll tal-Pont, Marsa, bil-ħsieb li jagħmlu delitt ta’ serq urew dan il-ħsieb b’atti esterni u taw bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta` tagħhom, u kieku seħħet, kienet tkun serqa aggravata bil-vjolenza numerika, bil-mezz, bil-valur li jeċċedi l-elfejn tlett mija, disgħa u għoxrin ewro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37), u bil-lok, għad-dannu tad-Dwana ta’ Malta u/jew ta’ persuna/i u/jew ta’ xi entita` jew entitajiet oħra;

2. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi kif indikati fl-akkuża preċedenti (akkuża numru 1), b’mezzi xort’oħra minn dawk imsemmija fis-subtitolu IV tat-titolu IX tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli ċioe` f’bieb ta’ maħżen, liema ħsara ma tiskorrix il-mitejn u ħamsin ewro (€250) għad-dannu ta’ John Cutajar u/jew ta’ xi persuna/i oħra u/jew ta’ xi entita` jew entitajiet oħra.

Lil **Neil ZAMMIT**, *Omissis* 1 u *Omissis* 2 flimkien:

3. Akkużati wkoll talli rrendew irwieħhom reċidivi ai termini tal-Artikoli 49, 50 u fil-każ ta’ Neil ZAMMIT u *Omissis* 1 biss, ai termini wkoll tal-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta, b’sentenzi definittivi mogħtija mill-Qrati ta’ Malta.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

4. Permezz tas-sentenza aktar ‘il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 41(1)(a), 49, 50, 261, 262(1)(b), 263(a)(b), 264(1), 265, 266(1),

267, 269(d), 270, 278(1), 279(b), 280(2), 281(b), 289 u 325(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet u ddikjarat lill-imputati ħatja, fuq ammissjoni tagħhom stess, tal-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tagħhom u bl-addebitu tar-reċediva skond dak miġjub fl-imputazzjonijiet fir-rigward ta' Neil ZAMMIT, *Omissis* 1 u *Omissis* 2; u għal dak li jirrigwarda s-sanzjoni applikabbli, iddisponiet minn dan l-istadju bil-mod segwenti:

1. Lil ***Omissis* 4**, ***Omissis* 3 u *Omissis* 2**, minflok piena, illiberathom bil-kundizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien tlett snin mid-data tas-sentenza u dan ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta;

   Il-Qorti fissret lil ***Omissis* 4**, ***Omissis* 3 u *Omissis* 2**, fi kliem ċar u li jinftiehem, il-konsegwenzi jekk huma jiksru din l-Ordni mposta.

2. Fil-konfront ta'***Omissis* 1**, ordnat li, ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, l-imputat jitqiegħed taħt Ordni ta' *Probation* għal tliet (3) snin mid-data tas-sentenza, bil-kundizzjonijiet li jidhrilhom li għandhom jimponu, minn żmien għal żmien, l-Uffiċċju tal-Probation.

   Ai termini tal-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-imputat bi kliem ċar u li jinftiehem, l-effetti tal-Ordni ta' *Probation* u l-kundizzjonijiet l-oħra applikabbli skont il-liġi u li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dik l-Ordni u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor tul it-terminu tal-Ordni ta' *Probation*, tista' tingħata sentenza għar-reati li tagħhom instab ħati b'din is-sentenza.

   Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat li kopja tas-sentenza u ta' l-Ordni ta' *Probation* għandhom jiġu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-*Probation* u *Parole* sabiex jassenja Uffiċjal tal-*Probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputat *Omissis* 1.

3. Ikkundannat lil **Neil ZAMMIT** (ħati bħala reċidiv skont l-Artikoli 49, 50 u 289) għall-piena komplessiva ta' sentejn priġunerija.

## C. L-APPELL INTERPOST

5. Illi Neil ZAMMIT appella minn din is-sentenza billi talab lil din il-Qorti sabiex "***TIRRIFORMA*** *s-sentenza appellata billi filwaqt li* ***TIKKONFERMAHA*** *fejn sabet lill-appellant ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tiegħu,* ***TĦASSARHA*** *u* ***TIRREVOKAHA*** *in kwantu għall-piena inflitta u dan billi timponi piena aktar ekwa u ġusta għaċ-ċirkostanzi tal-kaz odjern*".

## D. TRATTAZZJONI TAL-PARTIJIET

6. Illi fl-udjenza tat-22 ta' April 2024, din il-Qorti semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar l-appell.

## E. IL-KUNSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

7. Illi mill-atti proċesswali jirriżulta illi nhar l-4 ta' Settembru 2024, l-appellant ZAMMIT, flimkien ma' dak iż-żmien il-ko-imputati l-oħrajn, tressaq quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja taħt arrest, akkużat bl-imputazzjonijiet fuq indikati. Jirriżulta wkoll illi minkejja illi fl-istadju tal-eżami tiegħu skont il-liġi, l-appellant wieġeb illi mhux ħati tal-imputazzjonijiet addebitati lilu, matul l-istess udjenza, flimkien mal-ko-imputati l-oħrajn, huwa rreġistra ammissjoni għall-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, liema ammissjoni huwa reġa' kkonfermaha fit-termini tal-liġi u ċioe` wara illi ngħata ħin biżżejjed sabiex jerġa' jaħsibha u anke jirtira l-istess ammissjoni, u wara li fehem ukoll il-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni ossia illi tali ammissjoni "*kella ggib maghha piena ta' habs effettiv*".[1]

[1] Ara a fol. 6 tal-proċess.

8. Illi sussegwentement nhar id-29 ta' Settembru 2022, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali għaddiet għas-sentenza tagħha fil-konfront tal-ko-imputati kollha, inkluż tal-appellant odjern, u dan wara illi fl-istess udjenza, u fuq talba tal-istess appellant sabiex tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza, u illi jinstemgħu l-provi dwar il-piena, inkluż billi jiġi redatt *Pre-Sentencing Report* fil-konfront tiegħu, dik il-Qorti semgħet lill-Uffiċjal tal-*Probation* Mary Rose Farrugia, u għaddiet sabiex tiċħad it-talba tal-istess appellant.

9. Illi l-aggravju tal-appellant huwa dwar il-piena erogata mill-ewwel Qorti, u dan billi fil-fehma tiegħu, din hija waħda eċċessiva. B'referenza għall-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, huwa jilmenta illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ma kkunsidratx l-aspetti kollha tal-piena u jsostni illi din m'għandhiex isservi sabiex titpatta l-ħsara li tkun iġġarrbet mill-vittma, kawża tas-sinistru. Jilmenta wkoll l-istess appellant mill-fatt illi l-ewwel Qorti tat piż lill-fedina penali tiegħu, fil-waqt illi skont hu, injorat kompletament ix-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation*, li spjegat illi fiż-żmien riċenti waqt illi kienet qed issegwih, ħajtu kienet stabbli ferm. L-appellant, imbagħad, jirreferi għall-ġurisprudenza fejn persuni reċidivi, ingħataw opportunita` oħra permezz ta' piena ridotta, u dan għaliex ma baqgħux fit-triq li kienu qabdu fil-perjodu tar-reati li ġew mixlija bihom. L-appellant jillanja wkoll mill-fatt illi minkejja illi huwa rreġistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri tal-proċeduri u minkejja wkoll illi l-ewwel Qorti ddikjarat illi ħadet dan il-fattur in konsiderazzjoni, il-piena xorta waħda ma kinitx tirrifletti dan il-fattur għaliex skont hu, kellha tiġi mposta piena iżjed ekwa u ġusta. L-appellant għalhekk jillanja illi l-piena erogata fil-konfront tiegħu, kemm fil-kwalita` tagħha, u sussidjarjament u mingħajr preġudizzju, fil-kwantita` tagħha, ma toħloqx bilanċ bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv tal-piena. Jargumenta l-appellant illi din il-Qorti għandha timponi piena alternattiva għal dik ta' priġunerija effettiva u dan sabiex l-appellant jiġi megħjun biex ikompli fit-triq it-tajba.

10. Illi huwa prinċipju rassodat fil-ġurisprudenza tal-Qrati Maltin, kif meta l-appellant jirreġistra ammissjoni inkondizzjonata u valida skont il-liġi, dan ifisser illi huwa jkun qiegħed jaċċetta l-ħtija tiegħu għar-reati kif dedotti kontrih u jissottometti ruħu għall-ġudizzju tal-Qorti dwar il-piena

li tingħata bħala konsegwenza tal-ammissjoni tiegħu. Ikun għalhekk odjuż illi sussegwentement jinterponi appell mid-deċiżjoni tal-Qorti għaliex ma jaċċettax il-piena kif imposta minnha. Ċertament dan ma jfissirx illi din il-Qorti bħala Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex l-obbligu li tirrevedi jekk il-piena imposta mill-ewwel Qorti kinitx waħda li tirrientra fil-parametri li tipprefiġġi l-liġi jew jekk kinetx waħda irraġjonevoli jew manifestament eċċessiva fiċ-ċirkostanzi tal-każ. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Superjuri) fil-każ fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Carmen Butler** tas-26 ta' Frar 2009:

> … meta jkun hemm sentenza li tigi appellata mill-hati, il-Qorti tal-Appell Kriminali, bhala regola, ma tiddisturbax il-piena erogata mill-ewwel qorti sakemm dik il-piena ma tkunx manifestament sproporzjonata jew sakemm ma jirrizultax li l-ewwel qorti tkun naqset milli taghti importanza lil xi aspett partikolari tal-kaz (u anke, possibilment, lil xi cirkostanza sussegwenti ghas-sentenza ta' l-ewwel qorti) li kien jincidi b'mod partikolari fuq il-piena. S'intendi, kif diga` nghad, "sentencing is an art rather than a science" u wiehed ma jistax jippretendi xi precizjoni matematika jew identita` perfetta fit-tqabbil tal-fatti ta' kaz ma' iehor jew tal-piena erogata f'kaz ma' dik erogata f'kaz iehor. [sottolinear ta' din il-Qorti]

11. Madankollu, fejn il-piena mposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tkun waħda mhux biss skont ix-xorta u l-kwantita` li tippreskrivi l-liġi, iżda tkun ukoll waħda motivata u meqjusa, allura mhux normali li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' dik il-Qorti, sempliċement għaliex l-appellant ma jkunx qabel mal-eżerċizzju tal-kalibrar tal-piena magħmul mill-ewwel Qorti. Fir-rigward, din il-Qorti tagħmel referenza fost oħrajn għas-sentenzi fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella** tal-14 ta' Ġunju 1999 u **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina** tal-24 ta' April 2003, kif ċitati minn din il-Qorti kif diversament preseduta, fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulzija vs Omar Yusuuf Hodan** tal-4 ta' Settembru 2009.

12. Illi fil-każ odjern, jirriżulta illi l-ewwel Qorti ħadet in konsiderazzjoni diversi ċirkostanzi sabiex waslet għall-piena erogata fil-konfront tal-appellant (u tal-ko-imputati l-oħra). Fil-fatt jirriżulta illi l-ewwel Qorti

qieset l-ammissjoni bikrija tal-appellant, minkejja li nqabad *in flagrante delicto* mal-ko-imputati l-oħrajn waqt il-kummissjoni tar-reat, il-fedina penali tal-istess appellant li dwarha l-ewwel Qorti rrimarkat illi din hija "*mhux biss mittiefsa sew u xejn felici, izda il-kontenut taghha qed jindika persuna li ma tghallem xejn mill-passat, gie li injora kompletament il-varji beneficcji li gia tawh dawn il-Qrati, u hija tali li l-piena applikabbli trid, ragonevolment u legalment, fil-fehma ta' din il-Qorti, tkun wahda ta' karcerazzjoni effettiva*". Qieset in oltre in-natura serja tal-imputazzjonijiet odjerni, l-etajiet rispettivi tal-ko-imputati, il-fatt illi lkoll inqabdu fil-fatt fil-post imsemmi u kien għalhekk illi r-reat ma ġiex ikkunsmat, iċ-ċirkostanzi soċjali (inkluż ir-rabtiet, impjiegi u familji) ta' kull wieħed minnhom u l-interess tas-soċjeta` in ġenerali li tistenna *inter alia* li tkun protetta mill-awtoritajiet kontra l-kriminalita`.

13. Din il-Qorti tqis illi fil-kwadru taċ-ċirkostanzi li kellha l-ewwel Qorti quddiemha meta ġiet biex teroga l-piena fil-konfront tal-appellant, dik il-Qorti kienet ġustifikata illi timponi l-piena li fil-fatt imponiet. Ma' dan il-Qorti tqis ukoll illi l-appellant instab ħati tal-addebitu tar-reċidiva fit-termini tal-Artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali. Minkejja illi l-appellant jisħaq illi l-ewwel Qorti poġġiet wisq piż fuq il-fedina penali tiegħu u ma ħaditx in konsiderazzjoni x-xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation*, jirriżulta xort'oħra mill-atti proċesswali tant illi fid-digriet tagħha tal-istess jum, u wara li semgħet din ix-xhieda u kkunsidrat is-*Social Inquiry Report* esebit fil-konfront tal-appellant dakinhar stess, liema rapport kien iġib id-data tal-25 ta' Mejju 2022, l-ewwel Qorti qieset illi minkejja li r-rapport kien wieħed favorevoli għall-appellant, u minkejja wkoll illi kien qed jistenna tarbija, huwa ġie mressaq il-Qorti fil-5 ta' Settembru 2022 (fil-fatt huwa tressaq taħt arrest quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja nhar l-4 ta' Settembru 2022), f'liema udjenza huwa ammetta għall-imputazzjonijiet addebitati lilu. Fir-rigward, dik il-Qorti qieset ukoll illi ma kienx minnu li l-appellant ried l-għajnuna, iżda ried biss jikkapitalizza b'mod mhux xieraq mill-għodda legali, b'dan għalhekk illi dik il-Qorti qieset ukoll illi ma kienx kandidat tajjeb għall-*Pre-Sentencing Report* u għalhekk ċaħdet it-talba tiegħu fir-rigward u għaddiet għas-sentenza. F'dawn iċ-ċirkostanzi din il-Qorti taqbel perfettament mad-deċiżjoni tal-ewwel Qorti illi teroga piena ta' priġunerija effettiva fil-konfront tal-appellant odjern.

14. Illi madankollu din il-Qorti tqis illi wara li ngħatat is-sentenza appellata, fuq ordni ta’ din il-Qorti kif diversament preseduta, l-appellant baqa’ jiġi segwit mill-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti u dan minn Frar 2023, bl-aħħar darba illi din il-Qorti semgħet lill-istess Uffiċjal tal-*Probation* tkun fit-30 ta’ Jannar 2024, u għalhekk għall-perjodu ta’ kważi sena. Il-Qorti tqis ukoll illi fl-ewwel xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta tas-16 ta’ Mejju 2023, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* xehed illi l-appellant kien qed jaħdem fuq bażi *full-time* f’impjieg regolarizzat, illi kellu ċerta struttura f’ħajtu u kien qed iżomm lil hinn minn ċerta kumpanija, apparti illi kien irriżulta fin-negattiv għal teħid ta’ sustanzi lleċiti f’erba’ okkażżjonijiet bejn Marzu 2023 u Mejju 2023. Madankollu, huwa kien titubanti ferm jixhed illi kien sar progress da parti tal-appellant. Dan għaliex fl-ewwel lok, huwa kien ilu jsegwih biss għal perjodu qasir ta’ tliet xhur u fit-tieni lok, għaliex minkejja li fil-passat l-appellant kien ġie segwit diversi drabi minn Uffiċjali tal-*Probation* – skont l-Uffiċjal tal-*Probation,* l-appellant kellu għaxar kuntatti preċedenti mad-Dipartiment tal-*Probation* u *Parole*, u kien segwit minn tlett Uffiċjali tal-*Probation* differenti, bl-ewwel kuntatt isir fis-sena 2011, meta l-appellant kellu biss erbatax-il sena – il-fedina penali tiegħu kienet waħda refrattarja ferm, nonostane l-eta` tiegħu, b’dan għalhekk illi minkejja l-gwida li kien qed jingħata mill-professjonisti matul is-snin, huwa xorta waħda ma għarafx jimxi fit-triq it-tajba u baqa’ jxellef diffrejh mal-ġustizzja kontinwament. F’dan il-kuntest, jirriżulta mir-rapport esebit mill-Uffiċjal tal-*Probation* fir-rigward tal-appellant, u skont l-istess Uffiċjal tal-*Probation,* illi l-appellant ma setax jitqies affidabbli. F’dak l-istadju, l-istess Uffiċjal tal-*Probation* xehed illi kien jispetta lill-appellant li jagħraf, bil-fatti u mhux bil-kliem biss, illi kien hemm bżonn illi jibdel ħajtu. Mir-rapport esebit mill-istess Uffiċjal tal-*Probation* jirriżulta illi kien jeħtieġ illi l-appellant jirrealizza illi l-parteċipazzjoni tiegħu fi ċrieki kriminali, kellhom u kien se jkompli jkollhom, impatt fuq il-kwalita` tal-ħajja tiegħu u ta’ wliedu, u sabiex dan ma jseħħx, l-appellant kellu jiddeċiedi li jaqta’ ċertu kuntatti, jagħti iżjed priorita` lill-familjari tiegħu u jfittex għajnuna professjonali, inkluż għajnuna psikjatrika sabiex jikkontrolla l-ħsibijiet tiegħu.[2]

[2] Ara din ix-xhieda a fol. 178A tal-proċess u r-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* a fol. 179 *et seq* tal-proċess.

15. Madankollu, mix-xhieda tal-istess Uffiċjal tal-*Probation* quddiem din il-Qorti tal-5 ta' Diċembru 2023, jirriżulta illi huwa żamm kuntatt regolari mal-Uffiċjal tal-*Probation* u attenda regolarment għall-appuntamenti miegħu, baqa' jgħix ħajja stabbli mas-sieħba tiegħu u t-tfal tagħhom, u dan anke kif ġie kkonfermat mis-sieħba tal-appellant. Skont l-Uffiċjal tal-*Probation,* l-appellant baqa' attiv fil-qasam tax-xogħol u anke biddel l-impjieg tiegħu sabiex itejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja tiegħu u tal-familja tiegħu, sitt kampjuni tal-urina li ssottometta l-appellant wara l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2023, irriżultaw fin-negattiv għal sustanzi lleċiti, kien iżjed kajman u stabbli u kemm kien ilu jsegwih, ma rriżultatlu l-ebda informazzjoni fis-sens illi l-appellant kien involut jew kien qed jiġi nvestigat dwar xi każ ġdid. Jixhed ukoll illi kien sar progress f'kull aspett ta' ħajjet l-appellant u illi piena karċerarja ma kinitx idonea. Jixhed in oltre illi l-uniku aspett illi fih kien jeħtieġ iżjed sforz da parti tal-appellant kien fil-kuntatt illi huwa kien qed iżomm mal-konsulent psikjatra Dr. Mark Xuereb u dan stante illi kien attenda għal appuntament wieħed biss miegħu wara l-udjenza tas-16 ta' Mejju 2023.[3]

16. Illi finalment, l-Uffiċjal tal-*Probation* reġa' xehed quddiem din il-Qorti fl-udjenza tat-30 ta' Jannar 2024, mil-liema xhieda jirriżulta illi l-appellant attenda appuntament mal-konsulent psikjatra Dr. Mark Xuereb, li ma nnota l-ebda diffikultajiet fir-rigward tal-istat mentali tal-appellant u għalhekk ma ppreskrivilu l-ebda kura. Dan madankollu rrakkomanda illi l-appellant jattendi għal appuntament kull xahrejn sabiex ikompli jiġi segwit minnu. Mill-kuntatt illi l-Uffiċjal tal-*Probation* kellu mal-istess psikjatra, irriżulta illi anke dan irrikonoxxa illi kien jidher illi l-appellant qabad it-triq it-tajba, u li kien qed juri kambjament mill-attitudni li kellu fil-passat.

17. Illi għalhekk din il-Qorti tqis illi mill-aħħar xhieda tal-Uffiċjal tal-*Probation* Glen Grixti tal-5 ta' Diċembru 2023 u tat-30 ta' Jannar 2024, jirriżulta illi, kuntrarjament għax-xhieda tiegħu tas-16 ta' Mejju 2023, huwa kien dispost jixhed dwar il-progress li huwa rriskontra fl-appellant fiż-żmien li huwa segwih, b'tali mod allura illi din il-Qorti tqis illi minkejja l-passat xejn inkoraġġjanti tal-appellant, għandha tagħtih opportunita` oħra bit-tama li din id-darba verament jibqa' fit-triq illi

[3] Ara a fol. 233 *et seq* tal-proċess u r-rapport tal-Uffiċjal tal-*Probation* esebit a fol.241 tal-proċess.

jidher li qabad,  u għal dan il-għan illi huwa jkompli jiġi segwit mill-Uffiċjal tal-*Probation* u minn professjonisti oħrajn, kif l-istess Uffiċjal tal-*Probation* jidhirlu opportun, sabiex il-progress li għamel wara li ngħatat is-sentenza appellata jkompli jiġi msaħħaħ.  F'dan il-kuntest, madankollu, il-Qorti qegħda twissi lill-appellant illi kemm il-darba ma jagħrafx jużufruwixxi minn din l-opportunita` li qed jingħata llum u jerġa' jikkommetti reati oħrajn, mhux biss se jingħata piena, li ma tkunx waħda minn dawk kontemplati fil-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, għar-reati li nstab ħati tagħhom f'dawn il-proċeduri, iżda se jkun iżjed diffiċli għalih illi jerġa' jikseb il-fiduċja ta' dawn il-Qrati.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell tal-appellant Neil ZAMMIT u filwaqt illi tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu l-appellant instab ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu, tħassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn l-istess appellant ġie kkundannat għall-piena ta' sentejn priġunerija u minflok, wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tqiegħdu taħt Ordni ta' *Probation* għal żmien tliet (3) snin mil-lum, bil-kundizzjonijiet kontenuti fl-istess Ordni, liema Ordni għandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Tordna li kopja ta' din is-sentenza tintbagħat lid-Direttur tal-*Probation* u *Parole*.

Il-Qorti wissiet lill-appellant, fi kliem ċar u sempliċi, bil-konsegwenzi skont il-liġi kemm il-darba huwa ma jsegwix il-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' *Probation*, jew inkella kemm il-darba huwa jikkommetti reat ieħor matul il-perjodu operattiv tal-Ordni.

**Natasha Galea Sciberras**
**Imħallef**